DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Ġunju 2010

li temenda d-Deċiżjoni 2004/388/KE dwar Trasferiment Intra-Komunitarju ta' dokument dwar l-isplussivi

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 3666)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/347/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi għall-użu ċivili [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sistema għat-trasferiment ta' splussivi ġewwa t-territorju tal-Komunità stabbilita bid-Direttiva 93/15/KEE tipprovdi għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti differenti responsabbli għaż-żoni ta' oriġini, transitu u destinazzjoni tal-isplussivi.

(2) Dokument mudell li għandu jintuża għat-trasferiment ta' splussivi, li jkun fih l-informazzjoni meħtieġa għall-ġhanijiet tal-Artikolu 9(5) u (6) tad-Direttiva 93/15/KEE, ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/388/KE tal-15 ta' April 2004 dwar trasferiment intra-Komunitarju ta' dokument dwar l-isplussivi [2], biex jiffaċilita t-trasferimenti ta' splussivi bejn l-Istati Membri waqt li jinżammu l-kundizzjonijiet meħtieġa tas-sigurtà fit-trasferiment ta' dawn il-prodotti.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/388/KE jeħtieġ li tiġi adattata biex tqis li ġiet żviluppata sistema elettronika għall-approvazzjonijiet tat-trasferiment u li din hija disponibbli għall-Istati Membri kollha.

(4) B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tkun tista' tistampa d-dokumenti kollha meħtieġa u tagħti d-dokument dwar it-trasferiment intra-Komunitarju tal-isplussivi lill-fornitur wara li tkun ivverifikat li l-awtoritajiet kompetenti kollha tal-Istati Membri kkonċernati japprovaw it-trasferiment, għaliex dan inaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpanniji u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(5) L-istudju ta' valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 93/15/KEE, magħmul f'isem il-Kummissjoni Ewropea, ikkonkluda li l-proċedura biex jingħataw l-approvazzjonijiet mill-Istati Membri għat-trasferiment jeħtieġ li titqassar. Għandu jiġi introdott l-użu ta' sistema elettronika komuni biex tingħeleb din is-sitwazzjoni.

(6) Fl-"Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa [3] u fit-Tielet Reviżjoni Strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea [4], il-Kummissjoni Ewropea kkommettiet ruħha li żżomm il-mira li tiżdied il-possibbiltà li wieħed ikun jista' jbassar għall-futur u li tgħin lin-negozji jippreparaw aħjar għat-tibdiliet leġiżlattivi. Speċifikament, ġiet identifikata bħala miżura biex tinkiseb din il-mira sistema ta' dati ta' bidu komuni biex ikun żgurat li, fejn hu possibbli, id-data tal-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni li taffettwa l-kummerċ tikkorrispondi ma' ċerti dati fissi matul is-sena. Dan għandu jitqies meta tkun qed tiġi deċiża d-data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 93/15/KEE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2004/388/KE hija emendata kif ġej:

(1) Huwa inserit l-Artikolu 3(a) li ġej:

"*Artikolu 3a*

Fejn l-Istat Membru ta' oriġini, l-Istat Membru ta' min jirċievi u kull Stat Membru ta' transitu kollha jużaw sistema elettronika komuni għall-approvazzjoni tat-trasferiment ta' splussivi ġewwa l-Unjoni, għandha tkun tapplika l-proċedura stipulata fit-tieni sal-ħames sottoparagrafi.

[1] ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20.
[2] ĠU L 120, 24.4.2004, p. 43.
[3] COM(2008) 394 finali 25.6.2008.
[4] COM(2009) 15 finali 28.1.2009.

Dak li jkun qed jibgħat l-isplussivi għandu jippreżenta d-dokument tat-trasferiment intra-Komunitarju tal-isplussivi jew fuq il-karta jew b'verżjoni elettronika bis-sezzjonijiet 1 sa 4 mimlijin, lill-awtorità biss tal-Istat Membru li qed jirċevihom, għall-approvazzjoni.

Wara li jkun ta l-approvazzjoni tiegħu, l-Istat Membru li qed jirċievi l-isplussivi għandu jibgħat l-approvazzjoni lill-Istat Membru ta' oriġini permezz tas-sistema elettronika komuni.

Wara li tkun tat l-approvazzjoni tagħha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha titlob l-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li minnhom se jgħaddu l-isplussivi permezz tas-sistema elettronika komuni.

Wara li tkun irċeviet l-approvazzjonijiet kollha, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tagħti d-dokument tat-trasferiment intra-Komunitarju tal-isplussivi, li juri l-qbil tal-Istati Membri kkonċernati kollha, lill-fornitur, fuq karta li tista' tiġi identifikata b'sigurtà, u bil-lingwa(i) tal-Istat Membru ta' oriġini, tal-Istat(i) Membri ta' transitu (fejn japplika), tal-Istat Membru li se jirċievi l-isplussivi, u bl-Ingliż."

(2) Fl-Anness, fil-punt 2 tan-Noti ta' Spjegazzjoni, żdiedet din is-sentenza li ġejja fit-tarf ta' wara tal-paragrafu: "Dan il-punt ma japplikax fil-każ li tiġi użata s-sistema elettronika komuni deskritta fl-Artikolu 3a."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-29 ta' Ottubru 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kummissjoni

Antonio TAJANI

Viċi President